REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1110

tas-6 ta' Ġunju 2023

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 dwar iż-żieda temporanja fil-kontrolli uffiċjali u miżuri ta' emerġenza li jirregolaw id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti oġġetti minn ċerti pajjiżi terzi, u li jimplimenta r-Regolamenti (UE) 2017/625 u (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1), il-punt (b)(ii), tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 47(2), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), u l-Artikolu 54(4), l-ewwel subparagrafu, il-punti (a) u (b), tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1793 ([3]) jistabbilixxi r-regoli dwar iż-żieda temporanja fil-kontrolli uffiċjali mad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti kunsinni ta' ikel u ta' għalf li ma joriġinawx mill-annimali minn ċerti pajjiżi terzi elenkati fl-Anness I ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, u dwar l-impożizzjoni ta' kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti kunsinni ta' ikel u ta' għalf minn ċerti pajjiżi terzi minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni bil-mikotossini, inklużi l-aflatossini, bir-residwi tal-pestiċidi, bil-pentaklorofenol u bid-diossini, u minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni mikrobijoloġika, kontaminazzjoni biż-żebgħat tas-Sudan, bir-Rodamina B, u bit-tossini tal-pjanti elenkati fl-Anness II ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(2) L-Artikolu 12 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 jistabbilixxi l-obbligu għall-Kummissjoni li, f'intervalli regolari li ma jaqbżux is-6 xhur, tirrieżamina l-listi stabbiliti fl-Annessi ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni biex titqies l-informazzjoni l-ġdida marbuta mar-riskji għas-saħħa tal-bniedem u man-nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Din l-informazzjoni l-ġdida tinkludi d-*data* li tirriżulta min-notifiki li jaslu permezz tas-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf ("RASFF") stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 178/2002, kif ukoll id-*data* u l-informazzjoni dwar il-kunsinni u dwar ir-riżultati tal-kontrolli tad-dokumenti, tal-identità u fiżiċi li jitwettqu mill-Istati Membri u li jintbagħtu lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

([2]) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1793 tat-22 ta' Ottubru 2019 dwar iż-żieda temporanja fil-kontrolli uffiċjali u miżuri ta' emerġenza li jirregolaw id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti oġġetti minn ċerti pajjiżi terzi, u li jimplimenta r-Regolamenti (UE) 2017/625 u (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 669/2009, (UE) Nru 884/2014, (UE) 2015/175, (UE) 2017/186 u (UE) 2018/1660 (ĠU L 277, 29.10.2019, p. 89).

(3) In-notifiki riċenti li waslu permezz tal-RASFF jindikaw l-eżistenza ta' riskju serju dirett jew indirett għas-saħħa tal-bniedem li jirriżulta minn xi ikel jew xi għalf. Barra minn hekk, il-kontrolli uffiċjali li wettqu l-Istati Membri fuq xi ikel u għalf li ma joriġinax mill-annimali fl-ewwel semestru tal-2022 indikaw li jenħtieġ li l-listi stabbiliti fl-Annessi I u II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 jiġu emendati biex tkun protetta s-saħħa tal-bniedem fl-Unjoni.

(4) Il-bżar ħelu (*Capsicum annuum*) u l-bżar tal-ġeneru *Capsicum* (għajr dak ħelu) mir-Repubblika Dominicana, ilhom minn Jannar tal-2010 issoġġettati għal livell miżjud ta' kontrolli uffiċjali u għal kundizzjonijiet speċjali mad-dħul fl-Unjoni, minħabba r-riskju tal-kontaminazzjoni b'residwi tal-pestiċidi. Il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri juru titjib fil-konformità mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Ir-riżultati ta' dawk il-kontrolli jipprovdu l-evidenza li d-dħul ta' dawk l-oġġetti tal-ikel fl-Unjoni ma għadux jikkostitwixxi riskju serju għas-saħħa tal-bniedem. Għaldaqstant mhuwiex meħtieġ li jibqa' previst li kull kunsinna jkollha magħha ċertifikat uffiċjali li jiddikjara li r-riżultati kollha tal-kampjunar u tal-analiżi juru l-konformità mar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]). Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jwettqu l-kontrolli biex jiżguraw li jinżamm il-livell attwali ta' konformità. Għalhekk jenħtieġ li titħassar l-entrata tal-bżar ħelu (*Capsicum annuum*) u ta' bżar tal-ġeneru *Capsicum* (għajr dak ħelu) mir-Repubblika Dominicana li tinsab fil-punt 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 u titqiegħed fl-Anness I ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, filwaqt li jinżamm il-livell ta' frekwenza tal-kontrolli tal-identità u fiżiċi ta' 50 % tal-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni.

(5) Rigward il-kunsinni tal-bżar ħelu (*Capsicum annuum*), u ta' bżar tal-ġeneru *Capsicum* (għajr dak ħelu), u tal-laringè mill-Eġittu, instabet rata għolja ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-kontaminazzjoni bir-residwi tal-pestiċidi waqt il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793. Għalhekk jixraq li tiżdied il-frekwenza tal-kontrolli tal-identità u fiżiċi li jridu jitwettqu fuq dawk il-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni għal 30 %.

(6) Rigward il-kunsinni tat-tuffieħ annona skwamuża (*Annona squamosa*) mill-Eġittu, id-*data* min-notifiki tal-RASFF u l-informazzjoni dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri jindikaw li qed ifeġġu riskji ġodda għas-saħħa tal-bniedem, possibbilment minħabba l-kontaminazzjoni bir-residwi tal-pestiċidi. Għalhekk jeħtieġ li jkun rekwiżit livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali fuq id-dħul ta' dik il-komodità mill-Eġittu. Għalhekk jenħtieġ li dik il-komodità tiddaħħal fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793, bi frekwenza ta' kontrolli tal-identità u fiżiċi stabbilita għal 20 % tal-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni.

(7) Minn Jannar tal-2019 żdied il-livell tal-kontrolli uffiċjali u tal-kundizzjonijiet speċjali fuq il-karawett u l-prodotti tal-karawett mill-Gambja mad-dħul tagħhom fl-Unjoni, minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni bl-aflatossini. Dawk il-komoditajiet ilhom aktar minn 3 snin ma jiġu importati fl-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li titħassar l-entrata tal-karawett u tal-prodotti magħmulin mill-karawett mill-Gambja li tinsab fil-punt 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 u titqiegħed fl-Anness I ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, bi frekwenza ta' kontrolli tal-identità u fiżiċi stabbilita għal 50 % tal-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jwettqu l-kontrolli biex jiżguraw li wara li jitneħħew il-kundizzjonijiet speċjali, potenzjalment meta jerġa' jibda l-kummerċ, dawk il-komoditajiet li jidħlu fl-Unjoni jikkonformaw mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-kontaminazzjoni bl-aflatossini.

(8) Fir-rigward tal-kunsinni tad-drumsticks (*Moringa oleifera*) mill-Indja, matul il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793, instabet rata għolja ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-kontaminazzjoni bir-residwi tal-pestiċidi. Għalhekk jixraq li l-frekwenza tal-kontrolli tal-identità u fiżiċi li jridu jitwettqu fuq dawk il-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni tiżdied għal 20 %.

([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1).

(9) Rigward il-kunsinni tar-ross mill-Indja, waqt il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793, instabet rata għolja ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-kontaminazzjoni bir-residwi tal-pestiċidi. Għalhekk jixraq li l-frekwenza tal-kontrolli tal-identità u fiżiċi li jridu jitwettqu fuq dawk il-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni tiżdied għal 10 %.

(10) Rigward il-kunsinni tal-gwava (*Psidium guajava*) mill-Indja, instabet rata għolja ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-kontaminazzjoni bir-residwi tal-pestiċidi waqt il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793. Għalhekk jixraq li l-frekwenza tal-kontrolli tal-identità u fiżiċi li jridu jitwettqu fuq dawk il-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni tiżdied għal 30 %.

(11) Minn Jannar tal-2016 żdiedu l-kontrolli uffiċjali u l-kundizzjonijiet speċjali fuq il-bżar tal-ġeneru *Capsicum* (ħelu jew għajr dak ħelu) mill-Indja mad-dħul fl-Unjoni minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni bl-aflatossini. Il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri u l-informazzjoni disponibbli juru titjib fil-konformità mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Ir-riżultati ta' dawk il-kontrolli jipprovdu evidenza li d-dħul ta' dawk l-oġġetti tal-ikel fl-Unjoni ma jikkostitwix riskju serju għas-saħħa tal-bniedem. Għaldaqstant mhuwiex meħtieġ li jibqa' previst li kull kunsinna jkollha magħha ċertifikat uffiċjali li jiddikjara li r-riżultati kollha tal-kampjunar u tal-analiżi juru l-konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 ([5]). Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jwettqu l-kontrolli biex jiżguraw li jinżamm il-livell attwali ta' konformità. Għalhekk jenħtieġ li titħassar l-entrata tal-bżar tal-ġeneru *Capsicum* (ħelu jew għajr dak ħelu) mill-Indja li tinsab fil-punt 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 u titqiegħed fl-Anness I ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, bi frekwenza ta' kontrolli tal-identità u fiżiċi stabbilita għal 10 % tal-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni.

(12) Minn Jannar tal-2022, il-ħarrub, iż-żrieragħ tal-ħarrub, mhux dekortikati, imfarrkin jew mitħunin u l-muċilaġni u l-materjali li jħaxxnu, kemm jekk modifikati u kemm jekk le, derivati mill-ħarrub jew miż-żerriegħa tal-ħarrub mill-Indja, u l-gomma tal-gwar mill-Indja, ġew issoġġettati għal livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali u għal kundizzjonijiet speċjali mad-dħul tagħhom fl-Unjoni minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni bl-ossidu tal-etilen. Il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri u l-informazzjoni disponibbli juru titjib fil-konformità mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Ir-riżultati ta' dawk il-kontrolli jipprovdu evidenza li d-dħul ta' dawk l-oġġetti tal-ikel fl-Unjoni ma jikkostitwix riskju serju għas-saħħa tal-bniedem. Għaldaqstant mhuwiex meħtieġ li jibqa' jiġi previst li kull kunsinna tkun akkumpanjata minn ċertifikat uffiċjali li jiddikjara li r-riżultati kollha tal-kampjunar u tal-analiżi juru konformità mar-Regolament (KE) Nru 396/2005. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jwettqu l-kontrolli biex jiżguraw li jinżamm il-livell attwali ta' konformità. Għalhekk jenħtieġ li jitħassru l-entrati tal-ħarrub, żerriegħa tal-ħarrub, mhux dekortikati, imfarrkin jew mitħunin u l-muċilaġni u l-materjali li jħaxxnu, kemm jekk modifikati u kemm jekk le, derivati mill-ħarrub jew miż-żerriegħa tal-ħarrub, u tal-gomma tal-gwar mill-Indja li jinsabu fil-punt 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 u jitqiegħdu fl-Anness I ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, bi frekwenza ta' kontrolli tal-identità u fiżiċi stabbilita għal 20 % tal-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni.

(13) Minn Frar tal-2015 il-gomma tal-gwar mill-Indja ġiet issoġġettata għal livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali u għal kundizzjonijiet speċjali mad-dħul tagħha fl-Unjoni minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni bil-pentaklorofenol u bid-diossini. Il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri u l-informazzjoni disponibbli juru titjib fil-konformità mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Ir-riżultati ta' dawk il-kontrolli jipprovdu evidenza li d-dħul ta' dawk l-oġġetti tal-ikel fl-Unjoni ma jikkostitwix riskju serju għas-saħħa tal-bniedem. Għaldaqstant mhuwiex meħtieġ li jibqa' previst li kull kunsinna trid tkun akkumpanjata minn ċertifikat uffiċjali li jiddikjara li r-riżultati kollha tal-kampjunar u tal-analiżi juru l-konformità mar-rekwiżiti tal-Unjoni. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jwettqu l-kontrolli biex jiżguraw li jinżamm il-livell attwali ta' konformità. Għalhekk jenħtieġ li titħassar l-entrata tal-gomma tal-gwar mill-Indja li tinsab fil-punt 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 u titqiegħed fl-Anness I ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, bi frekwenza ta' kontrolli tal-identità u fiżiċi stabbilita għal 50 % tal-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni.

([5]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li jiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5).

(14) Fir-rigward tal-kunsinni ta' żrieragħ tal-kemmun mill-Indja, id-*data* min-notifiki tal-RASFF u l-informazzjoni dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri jindikaw li qed ifeġġu riskji ġodda għas-saħħa tal-bniedem, possibbilment minħabba l-kontaminazzjoni bir-residwi tal-pestiċidi. Għalhekk jeħtieġ li jkun rekwiżit livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali fuq id-dħul ta' dik il-komodità mill-Indja. Għalhekk jenħtieġ li dik il-komodità tiddaħħal fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793, bi frekwenza ta' kontrolli tal-identità u fiżiċi stabbilita għal 20 % tal-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni.

(15) Minn Diċembru tal-2021, l-instant noodles li fihom ħwawar/taħwir jew zlazi mill-Korea t'Isfel ġew issoġġettati għal livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali u għal kundizzjonijiet speċjali mad-dħul tagħhom fl-Unjoni minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni bl-ossidu tal-etilen. Il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri u l-informazzjoni disponibbli juru titjib fil-konformità mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Ir-riżultati ta' dawk il-kontrolli jipprovdu l-evidenza li d-dħul ta' dawk l-oġġetti tal-ikel fl-Unjoni ma jikkostitwix riskju serju għas-saħħa tal-bniedem. Għaldaqstant mhuwiex meħtieġ li jibqa' jiġi previst li kull kunsinna tkun akkumpanjata minn ċertifikat uffiċjali li jiddikjara li r-riżultati kollha tal-kampjunar u tal-analiżi juru konformità mar-Regolament (KE) Nru 396/2005. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jwettqu l-kontrolli biex jiżguraw li jinżamm il-livell attwali ta' konformità. Għalhekk jenħtieġ li titħassar l-entrata tal-instant noodles li fihom ħwawar/taħwir jew zlazi mill-Korea t'Isfel li tinsab fil-punt 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 u titqiegħed fl-Anness I ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, bi frekwenza ta' kontrolli tal-identità u fiżiċi stabbilita għal 20 % tal-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni.

(16) Fir-rigward tal-kunsinni ta' gotukola (*Centella asiatica*) u ta' mukunuwenna (*Alternanthera sessilis*) mis-Sri Lanka, instabet rata għolja ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rigward il-kontaminazzjoni bir-residwi tal-pestiċidi waqt il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793. Għalhekk jixraq li l-frekwenza tal-kontrolli tal-identità u fiżiċi li jridu jitwettqu fuq dawk il-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni tiżdied għal 50 %.

(17) Minn Diċembru tal-2021, il-ħarrub, iż-żrieragħ tal-ħarrub, mhux dekortikati, imfarrkin jew mitħunin, il-muċilaġni u l-materjali li jħaxxnu, kemm jekk modifikati kif ukoll jekk le, derivati mill-ħarrub jew miż-żerriegħa tal-ħarrub mill-Malażja ġew issoġġettati għal livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni bl-ossidu tal-etilen. Dawk il-komoditajiet ilhom aktar minn sena ma jiġu importati fl-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li titħassar l-entrata tagħhom fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793.

(18) Fir-rigward tal-kunsinni ta' papaja ħadra (*Carica papaya*) mill-Messiku, id-*data* min-notifiki tal-RASFF u l-informazzjoni dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri jindikaw li qed ifeġġu riskji ġodda għas-saħħa tal-bniedem, possibbilment minħabba l-kontaminazzjoni bir-residwi tal-pestiċidi. Għalhekk jeħtieġ li jkun rekwiżit livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali fuq id-dħul ta' dik il-komodità mill-Messiku. Għalhekk jenħtieġ li dik il-komodità tiddaħħal fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793, bi frekwenza ta' kontrolli tal-identità u fiżiċi stabbilita għal 20 % tal-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni.

(19) Minn Jannar tal-2019, iż-żerriegħa tad-dulliegħ (Egusi, *Citrullus* spp.) u l-prodotti dderivati minnha min-Niġerja ġew issoġġettati għal livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni bl-aflatossini. Dawk il-komoditajiet ilhom aktar minn 3 snin ma jiġu importati fl-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li titħassar l-entrata tagħhom fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793.

(20) Minn Jannar tal-2019, il-bżar tal-ġeneru *Capsicum* (għajr dak ħelu) mill-Pakistan ġie ssoġġettat għal livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali u għal kundizzjonijiet speċjali mad-dħul tiegħu fl-Unjoni minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni bir-residwi tal-pestiċidi. Dawk il-komoditajiet ilhom aktar minn 3 snin ma jiġu importati fl-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li titħassar l-entrata tal-bżar tal-ġeneru *Capsicum* (għajr dak ħelu) mill-Pakistan li tinsab fil-punt 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 u titqiegħed fl-Anness I ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, bi frekwenza ta' kontrolli tal-identità u fiżiċi stabbilita għal 20 % tal-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jwettqu l-kontrolli uffiċjali biex jiżguraw li wara t-tneħħija tal-kundizzjonijiet speċjali, meta potenzjalment jerġa' jibda l-kummerċ, dawk il-komoditajiet introdotti fl-Unjoni jikkonformaw mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-kontaminazzjoni bir-residwi tal-pestiċidi.

(21) Minn Lulju tal-2017, il-karawett u l-prodotti magħmulin mill-karawett mis-Senegal ġew issoġġettati għal livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni bl-aflatossini. Dawk il-komoditajiet ilhom aktar minn 3 snin ma jiġu importati fl-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li titħassar l-entrata tagħhom fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793.

(22) Minn Jannar tal-2019, il-karawett u l-prodotti magħmulin mill-karawett mis-Sudan ġew issoġġettati għal livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali u għal kundizzjonijiet speċjali mad-dħul tagħhom fl-Unjoni minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni bl-aflatossini. Dawk il-komoditajiet ilhom aktar minn 3 snin ma jiġu importati fl-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li titħassar l-entrata tal-karawett u l-prodotti magħmulin mill-karawett mis-Sudan li tinsab fil-punt 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 u titqiegħed fl-Anness I ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, bi frekwenza ta' kontrolli tal-identità u fiżiċi stabbilita għal 50 % tal-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jwettqu l-kontrolli biex jiżguraw li wara li jitneħħew il-kundizzjonijiet speċjali, potenzjalment meta jerġa' jibda l-kummerċ, dawk il-komoditajiet li jidħlu fl-Unjoni jikkonformaw mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-kontaminazzjoni bl-aflatossini.

(23) Fir-rigward tal-kunsinni ta' taħini u ta' ħalva mis-Sirja, id-*data* min-notifiki tal-RASFF u l-informazzjoni dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri jindikaw li qed ifeġġu riskji ġodda għas-saħħa tal-bniedem, possibbilment minħabba l-kontaminazzjoni bis-*Salmonella*. Għalhekk jeħtieġ li jkun rekwiżit livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali fuq id-dħul ta' dawk il-komoditajiet mis-Sirja. Għalhekk, jenħtieġ li dawk il-komoditajiet jiddaħħlu fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793, bi frekwenza ta' kontrolli tal-identità u fiżiċi stabbilita għal 20 % tal-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni.

(24) Fir-rigward tal-kunsinni tar-rummien mit-Turkija, waqt il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793, instabet rata għolja ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-kontaminazzjoni bir-residwi tal-pestiċidi. Għalhekk jixraq li l-frekwenza tal-kontrolli tal-identità u fiżiċi li jridu jitwettqu fuq dawk il-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni tiżdied għal 30 %.

(25) Minn Diċembru tal-2021, il-ħarrub, iż-żrieragħ tal-ħarrub, mhux dekortikati, imfarrkin jew mitħunin u l-muċilaġni u l-materjali li jħaxxnu, kemm jekk modifikati u kemm jekk le, derivati mill-ħarrub jew miż-żerriegħa tal-ħarrub mit-Turkija ġew issoġġettati għal livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali u għal kundizzjonijiet speċjali mad-dħul tagħhom fl-Unjoni minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni bl-ossidu tal-etilen. Il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri u l-informazzjoni disponibbli juru titjib fil-konformità mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Ir-riżultati ta' dawk il-kontrolli jipprovdu evidenza li d-dħul ta' dawk l-oġġetti tal-ikel fl-Unjoni ma jikkostitwix riskju serju għas-saħħa tal-bniedem. Għaldaqstant mhuwiex meħtieġ li jibqa' jiġi previst li kull kunsinna tkun akkumpanjata minn ċertifikat uffiċjali li jiddikjara li r-riżultati kollha tal-kampjunar u tal-analiżi juru konformità mar-Regolament (KE) Nru 396/2005. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jwettqu l-kontrolli biex jiżguraw li jinżamm il-livell attwali ta' konformità. Għalhekk jenħtieġ li titħassar l-entrata tal-ħarrub, iż-żerriegħa tal-ħarrub, mhux dekortikati, imfarrkin jew mitħunin u l-muċilaġni u l-materjali li jħaxxnu, kemm jekk modifikati u kemm jekk le, derivati mill-ħarrub jew miż-żerriegħa tal-ħarrub mit-Turkija li tinsab fil-punt 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 titħassar u titqiegħed fl-Anness I ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, bi frekwenza ta' kontrolli tal-identità u fiżiċi stabbilita għal 20 % tal-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni.

(26) Minn April tal-2015, il-berquq imnixxef u l-berquq, ippreparati jew ippreservati mod ieħor, mill-Użbekistan ġew issoġġettati għal livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni bis-sulfiti. Il-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq dawk il-komoditajiet mill-Istati Membri jindikaw grad sodisfaċenti ġenerali ta' konformità mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Għalhekk, ma għadux iġġustifikat livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali għal dawn il-komoditajiet, u jenħtieġ li titħassar l-entrata tagħhom fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793.

(27) Minn Diċembru tal-2021, l-instant noodles li fihom ħwawar/taħwir jew zlazi mill-Vjetnam ġew issoġġettati għal livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali u għal kundizzjonijiet speċjali mad-dħul tagħhom fl-Unjoni minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni bl-ossidu tal-etilen. Il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri u l-informazzjoni disponibbli juru titjib fil-konformità mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Ir-riżultati ta' dawk il-kontrolli jipprovdu evidenza li d-dħul ta' dawk l-oġġetti tal-ikel fl-Unjoni ma jikkostitwix riskju serju għas-saħħa tal-bniedem.

Għaldaqstant mhuwiex meħtieġ li jibqa' jiġi previst li kull kunsinna tkun akkumpanjata minn ċertifikat uffiċjali li jiddikjara li r-riżultati kollha tal-kampjunar u tal-analiżi juru konformità mar-Regolament (KE) Nru 396/2005. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jwettqu l-kontrolli biex jiżguraw li jinżamm il-livell attwali ta' konformità. Għalhekk jenħtieġ li titħassar l-entrata tal-instant noodles li fihom ħwawar/taħwir jew zlazi mill-Vjetnam li tinsab fil-punt 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 u titqiegħed fl-Anness I ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, bi frekwenza ta' kontrolli tal-identità u fiżiċi stabbilita għal 20 % tal-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni.

(28) Biex tkun żgurata l-protezzjoni effiċjenti kontra r-riskji għas-saħħa li jista' jkun hemm minħabba l-kontaminazzjoni possibbli tal-karawett bl-aflatossini, jenħtieġ li fl-entrata għall-Bolivja, fil-kolonna li tirreferi għall-"Ikel u għalf (użu maħsub)" fit-tabella fil-punt 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793, jenħtieġ li jinżied il-kliem "inklużi t-taħlitiet", fir-ringiela li tirreferi għall-"Karawett, ippreparat jew ippreservat mod ieħor". Bl-istess mod, fil-kolonna li tirreferi għall-"Kodiċi NM", jenħtieġ li jinżiedu il-kodiċijiet NM għat-taħlitiet.

(29) Fir-rigward tal-kunsinni ta' karawett u ta' prodotti magħmulin mill-karawett mill-Eġittu, waqt il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikoli 7 u 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793, instabet rata għolja ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-kontaminazzjoni bl-aflatossini. Għalhekk jixraq li tiżdied il-frekwenza tal-kontrolli tal-identità u fiżiċi li jridu jitwettqu fuq dawk il-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni għal 30 %.

(30) Rigward l-entrata taż-Żerriegħa tal-ġulġlien mill-Indja, issoġġettata għal livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali u għal kundizzjonijiet speċjali mad-dħul tagħha fl-Unjoni minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni bis-Salmonella u bl-ossidu tal-etilen, minn Ottubru tal-2021 l-użu maħsub ġie estiż għall-"għalf". Minn dak iż-żmien, dik il-komodità ma ġietx impurtata fl-Unjoni għall-użu maħsub bħala "għalf". Għalhekk ma għadhomx iġġustifikati livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali u kundizzjonijiet speċjali minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni bis-*Salmonella* fiż-żrieragħ tal-ġulġlien mill-Indja maħsubin biex jintużaw bħala "għalf", u fl-entrata għall-Indja fil-kolonna li tirreferi għal "ikel u għalf (użu maħsub)", fit-tabella fil-punt 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793, jenħtieġ li l-kliem jiġi addattat skont dan fir-ringiela li tirreferi għal "ikel u għalf".

(31) Fir-rigward tal-kunsinni tal-lariġ mit-Turkija, waqt il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikoli 7 u 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793, instabet rata għolja ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-kontaminazzjoni bir-residwi tal-pestiċidi. Għalhekk jixraq li tiżdied il-frekwenza tal-kontrolli tal-identità u fiżiċi li jridu jitwettqu fuq dawk il-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni għal 30 %.

(32) Minn Lulju tal-2019, il-qlub tal-berquq mhux ipproċessati maħsuba biex jitqiegħdu fis-suq għall-konsumatur finali mit-Turkija ġew issoġġettati għal livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali u għal kundizzjonijiet speċjali mad-dħul tagħhom fl-Unjoni minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni biċ-ċjanur. Il-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq dik il-komodità mill-Istati Membri juru rata għolja persistenti ta' nuqqas ta' konformità minn mindu ġie stabbilit livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali. Dawk il-kontrolli jipprovdu evidenza li d-dħul ta' dik il-komodità fl-Unjoni jikkostitwixxi riskju serju għas-saħħa tal-bniedem. Għalhekk jeħtieġ, li apparti li jiżdied il-livell tal-kontrolli uffiċjali, jiġu previsti kundizzjonijiet speċjali rigward l-importazzjoni tal-qlub tal-berquq mhux ipproċessati mit-Turkija maħsuba biex jitqiegħdu fis-suq għall-konsumatur finali. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-kunsinni kollha tal-qlub tal-berquq mhux ipproċessati maħsuba biex jitqiegħdu fis-suq għall-konsumatur finali mit-Turkija jkollhom magħhom ċertifikat uffiċjali li jiddikjara li r-riżultati kollha tal-kampjunar u tal-analiżijiet juru l-konformità mar-Regolament (KE) Nru 1881/2006. Jenħtieġ li r-riżultati tal-kampjunar u tal-analiżijiet jinħemżu ma' dak iċ-ċertifikat. Għalhekk jenħtieġ li titħassar l-entrata tal-qlub tal-berquq mhux ipproċessati maħsuba biex jitqiegħdu fis-suq għall-konsumatur finali mit-Turkija li tinsab fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 u titqiegħed fil-punt 1 tal-Anness II ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, bi frekwenza ta' kontrolli tal-identità u fiżiċi stabbilita għal 50 % tal-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni.

(33) Il-pistaċċi u l-prodotti dderivati minnhom mit-Turkija qegħdin elenkati fil-punt 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 minħabba l-possibbiltà tal-kontaminazzjoni bl-aflatossini, bi frekwenza ta' kontrolli tal-identità u fiżiċi stabbilita għal 50 % tal-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni. Billi r-riżultati tal-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri indikaw grad ġeneralment sodisfaċenti ta' konformità mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-kontaminazzjoni bl-aflatossini, il-pistaċċi u l-prodotti dderivati minnhom mill-Istati Uniti tħassru mil-lista fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1793 permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1900 ([6]), u ma għadhomx jeħtieġu livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali.

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1900 tas-27 ta' Ottubru 2021 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 dwar iż-żieda temporanja fil-kontrolli uffiċjali u miżuri ta' emerġenza li jirregolaw id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti oġġetti minn ċerti pajjiżi terzi, u li jimplimenta r-Regolamenti (UE) 2017/625 u (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 387, 3.11.2021, p. 78).

Madankollu, id-*data* min-notifiki tal-RASFF u l-informazzjoni dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri fit-tieni semestru tal-2022 jindikaw li qed ifeġġu riskji ġodda għas-saħħa tal-bniedem li jeħtieġu kundizzjonijiet speċjali għall-importazzjoni, possibbilment minħabba l-kontaminazzjoni bl-aflatossini tal-pistaċċi u prodotti derivati minnhom li joriġinaw mill-Istati Uniti u li jintbagħtu lejn l-Unjoni mit-Turkija.

(34) Sabiex tkun żgurata l-protezzjoni kontra riskji għas-saħħa potenzjali li jirriżultaw mill-kontaminazzjoni possibbli bil-perikli msemmija fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793, jenħtieġ li f'dak l-Anness jinżied punt 3, li jelenka l-ikel u l-għalf li ma joriġinax mill-annimali u li jintbagħat lejn l-Unjoni minn pajjiż terz li ma jkunx il-pajjiż tal-oriġini tiegħu.

(35) Fid-dawl tal-informazzjoni l-ġdida b'rabta mal-kunsinni tal-pistaċċi u tal-prodotti derivati minnhom li joriġinaw mill-Istati Uniti u li jintbagħtu lejn l-Unjoni mit-Turkija, jeħtieġ li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw id-dħul tagħhom fl-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li l-pistaċċi u l-prodotti derivati minnhom li joriġinaw mill-Istati Uniti u li jintbagħtu lejn l-Unjoni mit-Turkija jiddaħħlu fil-punt 3 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793, bi frekwenza ta' kontrolli tal-identità u fiżiċi stabbilita għal 50 % tal-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni, u jenħtieġ li jkunu akkumpanjati minn ċertifikat uffiċjali maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti tat-Turkija li jiddikjara li r-riżultati kollha tal-kampjunar juru l-konformità mar-Regolament (KE) Nru 1881/2006.

(36) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni li diġà jkunu ntbagħtu mill-pajjiż ta' oriġini jew minn pajjiż terz ieħor, jekk dak il-pajjiż ikun differenti mill-pajjiż ta' oriġini, meta dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ, jixraq li jiġi previst perjodu ta' tranżizzjoni għall-kunsinni tal-qlub tal-berquq mhux ipproċessati maħsuba biex jitqiegħdu fis-suq għall-konsumatur finali mit-Turkija, u għall-kunsinni ta' pistaċċi u ta' prodotti derivati minnhom li joriġinaw mill-Istati Uniti u li jintbagħtu lejn l-Unjoni mit-Turkija li ma jkollhomx ir-riżultati tal-kampjunar u tal-analiżijiet u ċertifikat uffiċjali magħhom. Fl-istess ħin, rigward il-kunsinni mit-Turkija tal-qlub tal-berquq mhux ipproċessati maħsuba biex jitqiegħdu fis-suq għall-konsumatur finali u rigward il-kunsinni tal-pistaċċi u ta' prodotti derivati minnhom li joriġinaw mill-Istati Uniti u li jintbagħtu lejn l-Unjoni mit-Turkija, il-protezzjoni tas-saħħa pubblika hija żgurata mill-fatt li dawk il-komoditajiet huma ssoġġettati għall-kontrolli tal-identità u fiżiċi bil-frekwenza ta' 50 % tal-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni.

(37) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 jiġi emendat skont dan. Biex ikunu żgurati l-konsistenza u ċ-ċarezza, jixraq li l-Annessi I u II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 jiġu sostitwiti kompletament bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(38) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 huwa emendat kif ġej:

1. fl-Artikolu 1(1), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw id-dħul fl-Unjoni tal-kategoriji li ġejjin ta' kunsinni tal-ikel u tal-għalf minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni bil-mikotossini, inklużi l-aflatossini, bir-residwi tal-pestiċidi, bil-pentaklorofenol u bid-diossini u minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni mikrobijoloġika, ta' kontaminazzjoni biż-żebgħat tas-Sudan, bir-Rodamina B u bit-tossini tal-pjanti, f'konformità mal-Artikolu 53(1), il-punt (b), tar-Regolament (KE) Nru 178/2002:

(i) kunsinni ta' ikel u ta' għalf li ma joriġinawx mill-annimali minn pajjiżi terzi jew minn partijiet ta' dawk il-pajjiżi terzi li fihom xi wieħed mill-oġġetti tal-ikel u tal-għalf elenkati fit-tabella fil-punt 1 tal-Anness II u li jidħlu fil-kodiċijiet tan-NM u fil-klassifikazzjonijiet TARIC stabbiliti f'dak l-Anness;

(ii) kunsinni ta' ikel li jikkonsistu minn żewġ ingredjenti jew iżjed, li fihom xi wieħed mill-oġġetti tal-ikel elenkati fit-tabella fil-punt 1 tal-Anness II minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni bl-aflatossini fi kwantità ta' aktar minn 20 % ta' prodott wieħed, jew bħala total ta' dawk il-prodotti li jidħlu fil-kodiċijiet tan-NM stabbiliti fit-tabella 2 ta' dak l-Anness;

(iii) kunsinni ta' ikel u ta' għalf li ma joriġinawx mill-annimali mibgħuta lejn l-Unjoni minn pajjiż terz li ma jkunx il-pajjiż ta' oriġini tagħhom, u li jkun fihom xi wieħed mill-oġġetti tal-ikel u tal-għalf elenkati fit-tabella fil-punt 3 tal-Anness II;";

2. L-Artikolu 14 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 14*

Perjodi ta' transizzjoni

1. Il-kunsinni tal-qlub tal-berquq mhux ipproċessati mit-Turkija li huma maħsuba biex jitqiegħdu fis-suq għall-konsumatur finali, li jintbagħtu lejn l-Unjoni mit-Turkija jew minn pajjiż terz ieħor, jekk dak il-pajjiż ikun differenti mill-pajjiż tal-oriġini, qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1110 (*), jistgħu jidħlu fl-Unjoni sas-27 ta' Awwissu 2023 mingħajr ma jkollhom magħhom ir-riżultati tal-kampjunar u tal-analiżijiet u ċ-ċertifikat uffiċjali previsti fl-Artikoli 10 u 11.

2. Il-kunsinni tal-pistaċċi u tal-prodotti dderivati minnhom li joriġinaw mill-Istati Uniti u li jintbagħtu lejn l-Unjoni mit-Turkija qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1110, jistgħu jidħlu fl-Unjoni sas-27 ta' Awwissu 2023 mingħajr ma jkollhom magħhom ir-riżultati tal-kampjunar u tal-analiżijiet u ċ-ċertifikat uffiċjali previsti fl-Artikoli 10 u 11.";

(*) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1110 tas-6 ta' Ġunju 2023 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 dwar iż-żieda temporanja tal-kontrolli uffiċjali u tal-miżuri ta' emerġenza li jirregolaw id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti oġġetti minn ċerti pajjiżi terzi, u li jimplimenta r-Regolamenti (UE) 2017/625 u (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 147, 7.6.2023, p. 111).

3. L-Annessi I u II huma sostitwiti bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

"ANNESS I

Ikel u għalf li ma joriġinax mill-annimali minn ċerti pajjiżi terzi li hu ssoġġettat għal żieda temporanja fil-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fil-fruntiera u fil-punti ta' kontroll

Ring-iela	Pajjiż tal-oriġini	Ikel u għalf (użu maħsub)	Kodiċi NM [1]	Subdiviżjoni tat-TARIC	Periklu	Frekwenza tal-verifiki tal-identità u tal-verifiki fiżiċi (%)
1	**L-Ażerbajġan (AZ)**	— Ġellewż (*Corylus* sp.), bil-qoxra	0802 21 00		Aflatossini	20
		— Ġellewż (*Corylus* sp.), bla qoxra	0802 22 00			
		— Taħlitiet ta' ġewż jew ta' frott imnixxef li fihom il-ġellewż	ex 0813 50 39;	**70**		
			ex 0813 50 91;	**70**		
			ex 0813 50 99	**70**		
		— Paste tal-ġellewż	ex 2007 10 10;	**70**		
			ex 2007 10 99;	**40**		
			ex 2007 99 39;	**05; 06**		
			ex 2007 99 50;	**33**		
			ex 2007 99 97	**23**		
		— Ġellewż, ippreparat jew ippreservat mod ieħor, inklużi t-taħlitiet	ex 2008 19 12;	**30**		
			ex 2008 19 19;	**30**		
			ex 2008 19 92;	**30**		
			ex 2008 19 95;	**20**		
			ex 2008 19 99;	**30**		
			ex 2008 97 12;	**15**		
			ex 2008 97 14;	**15**		
			ex 2008 97 16;	**15**		
			ex 2008 97 18;	**15**		
			ex 2008 97 32;	**15**		
			ex 2008 97 34;	**15**		
			ex 2008 97 36;	**15**		
			ex 2008 97 38;	**15**		
			ex 2008 97 51;	**15**		
			ex 2008 97 59;	**15**		
			ex 2008 97 72;	**15**		

			ex 2008 97 74;	**15**		
			ex 2008 97 76;	**15**		
